MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru 808/2005

PULIZIJA
SPETTUR VICTOR AQUILINA
VS
SIGISMONDO MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Sigismondo Mifsud, ta’ 42 sena iben il-mejjet Valent u Paolina nee’ Farrugia, imwieled Mqabba nhar l-1 ta’ Jannar 1963, residenti Nru.2 Sqaq Nru. 4, Triq il-Parrocca Mqabba u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 60463(M).

Billi huwa akkuzat talli:

1) Fit-30/08/05 ghall-habta tat-8.15pm, waqt li kien f’dawn il-gzejjer cioe fi Triq ix-Xwieki l-Iklin, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtol

jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car u cioe ta' Richard John Charles Cuschieri detentur tal-karta ta' l-Identita' 481789(M), ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra liema hsara tista' ggib periklu tal-hajja jew debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' ta' l-imputat u dan bi ksur ta' l-artikoli 216 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Anthony Zammit (Kuntistabbli tal-Pulizija Nru. 228), persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu u 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra Anthony Zammit (Kuntistabbli tal-Pulizija Nru. 228), waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar ta' l-ghamla Lames Serje Nru. 8552 u munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur ta' l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) U aktar talli fl-istess, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew glied, jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obda l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe lil Anthony Zammit (Kuntistabbli tal-Pulizija Nru. 228), jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jhedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi kien ordnat jew seta’ ghamel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsa, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Richard John Charles Cuschieri detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 481789(M) u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
10) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra persuna u cioe kontra Richard John Charles Cuschieri detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 481789(M) sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara kontra din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taht xi disposizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
11) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurja jew hedded mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
12) U aktar talli fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 26.06.2003, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija;
13) U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nahr 27.04.2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol.9) u dak ta’ l-imputat (fol.12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Spettur Victor Aquilina (fol. 13. et seq.) informa lil Qorti illi fit-30 ta’ Awissu, 2005, Richard Cuschieri kien irraporta l-Ghassa li, in segwitu ta’ argument bejnu u l-imputat, Cuschieri kien gie mhedded b’arma tan-nar mill-imputat u waqt dan argument kien hemm prezenti il-mara ta’ Cuschieri, Charlonne, u l-Pulizija PC 228 u PC 1430. Spettur Victor Aquilina xhed illi huwa kellem lil Pulizija ndikati u rrizultalu illi waqt illi dawn kienu ghaddejjin quddiem in-Net Antenna, limiti ta’ Xwieki, semghu ghajjat u gie jigri fuqhom Cuschieri u sostna illi kien ghadu kemm gie mhedded b’arma.

PC 228 u PC 1430 qalu lill-Ufficjal Prosekutur illi raw lill-imputat b’arma f’idu, dan qalilhom, “*Warbuli minn nofs…ghax nahraqkom*.” L-imputat gie arrestat. Spettur V. Aquilina fil-kors ta’ l-investigazzjoni tieghu, informa lil Qorti li kellem lil Charlonne, mart il-kwerelant, Cuschieri, li dak iz-zmien kienet qed tghix ma’ l-imputat, Sigismondo Mifsud. Charlonne infurmat lill-Ispettur Aquilina li kienet ghadha kemm gabret lit-tfal taghha minghand il-kwerelant Cuschieri, skond digriet tal-Qorti, mill-Ghassa tan-Naxxar u kif waslet quddiem id-dar, il-kwerelant Cuschieri, permezz tal-karozza tieghu, kien ghalqilha t-triq. Infurmat lil Pulizija li l-imputat kien qieghed jistenniha barra u avvinicina l-karozza taghha illi f’dan il-mument il-kwerelant beda jwaddab gebel kbir (daqs hobza tal-Malti) fid-direzzjoni ta’ l-imputat, Sigismondo Mifsud, li beza’, dahal fir-residenza tieghu u hareg b’arma tan-nar f’idu li baqghet ippuntata lejn l-ajru.

Fl-istqarrija tieghu, Dok.VA2, l-imputat Sigismondo Mifsud, ikkonferma s-sekwenza ta' l-incidenti msemmija minn Charlonne. Ikkonferma illi in segwitu ta' tfieh ta'gebel imdaqqas fid-direzzjoni tieghu huwa beza' u ha s-senter ta' missier Charlonne **"U hrigt biex imbezzghu."** (ara Dok.VA2 a fol.20). L-imputat, Sigismondo Mifsud, stqarr illi Cuschieri, kif ra l-arma, harab minn fuq il-post. Mistoqsi il-ghaliex ma obdiex l-ordni tal-Pulizija ghal rigward ta' l-arma, l-imputat stqarr illi kien imbezza' u rrabjat, spara tir fl-ajru "*Sabiex jizvoga ghax kien mahruq."* (ara xhieda a fol.16 u fol.21)

Giet ezebita l-arma u cinturin bi skratacc.

Richard Cuschieri (a fol.23) xhed illi wara li kien ikkonsenja lit-tifla tieghu l-Ghassa huwa ghadda minn fejn is-soltu jghaddi u sab lil mara tieghu ghaddejja kontra l-*one way* b'mod li ma setghux jghaddu t-tnejn u li kien hu li ressqilha, illi hareg l-imputat u beda jghajjat, ghalhekk Cuschieri nizel minn gol-*van* u t-tifla tieghu, ta' disgha (9) snin bdiet tibki. Cuschieri xhed illi l-imputat kellu cinturin bi skratacc. Illi meta ra c-cinturin huwa beza' u ghalhekk qabad gebla waqt li l-imputat telaq jigri sabiex igib is-senter, "*Imbaghad hlief ghajjat u storbju ma smajtx."* Il-kwerelant, Cuschieri, xhed illi dahal gol-van, sab lil Pulizija u ghajtilhom u li l-imputat "*Beda jghajjat maghhom li jekk jersqu lejjhom jisparalhom ukoll."* (ara fol.24) Huwa telaq jigri bil-karozza u ftit wara huwa sema' sparatura. A fol.25, Cuschieri jerga' jsostni illi kienet il-mara tieghu illi ghalqitlu l-*van* got-trejqa u dan jerga' jirrepetieha a fol.26. A fol.28, Cuschieri kkonferma illi l-imputat ipponta l-arma lejh u lejn bintu ta' disgha (9) snin, "*Hu li jrid joqtolni u jrid jehles minni ghax jien xkiel ghalih."* Wara dan l-incident il-kwerelant, Cuschieri, mar jaghmel rapport l-Ghassa.

In kontro ezami, l-kwerelant, Cuschieri, xhed illi huwa ha t-triq tas-soltu biex imur jara l-ingenji tieghu. Illi minkejja t-tifla ta' disgha (9) snin, bil-biza' li ghandha, hija kostretta tilbes in-*nappies*, il-kwerelant xhed illi xorta kellu jghaddi minn hemmhekk halli jindokra l-ingenji tieghu u dana

minkejja d-diversi ncidenti li nqalaw bejn il-partijiet fil-passat.

PC 228 Anthony Zammit ikkonferma x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur. Ikkonferma illi waqt li kien ma’ PS 1270 semghu kommozzjoni barra u raw ragel b’senter f’idejh. Meta avvicinah, dan ir-ragel gholla l-arma li kien qed izomm ‘l isfel minghajr ma ppuntaha lejh u qallu l-kliem, “*Ersaq ghax naharqek.”* Il-Pulizija hassew illi kienu, “F’d*aqsxejn ta’ periklu u resqu lura.”* Dan ir-ragel dahhal il-kanna tas-senter f’karozza ta’ haddiehor u din il-karozza saqet minn fuq il-post b’velocita’ qawwija. Illi wara dan il-Pulizija avvicinat lill-imputat li spara tir fl-ajru. Mistoqsi dwar il-posizzjoni tal-karozzi, PC 228 Anthony Zammit, ikkonferma illi l-karozza tal-mara baqghet fejn kienet u li l-karozza l-ohra telqet b’velocita’ qawwija. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kien fi stat mifxul u ecitat ghall-ahhar u li meta spara t-tir fl-ajru kien biss “*Ta’ zvog*.” (ara a fol.39).

PC 1430 Alex Mizzi kkonferma x-xhieda ta’ PC 228 Anthony Zammit, kif l-imputat zamm l-arma ppuntata fil-baxx u beda jghid lil Pulizija, “*Zulu minn nofs ghax nahraqkom,”* kif persuna li kienet fil-karozza saq b’velocita’ qawwija meta l-imputat mar fuqu bis-senter u kif in segwitu gibet tir fl-arja. PC 1430 Alex Mizzi kkonferma illi l-karozzi kienu sakkru lil xulxin u li r-*Rover* iccaqalqet sabiex it-*Toyota* seghtet titlaq. PC 1430 Alex Mizzi xhed illi fil-karozza tal-kwerelant, Cuschieri, kien hemm tifla. A fol.44, PC 1430 Alex Mizzi, kkorega ruhu u **kkonferma illi r-*Rover* imxiet biss wara** illi telqet il-karozza tal-kwerelant Cuschieri, u li l-imputat spara t-tir meta l-kwerelant kien diga’ telaq bil-karozza.

A fol.47, PS 1270 Anthony Zammit ezebixxa Dok.PS okkorrenza.

WPC 66 Pauline Bonello kkonfermat illi l-imputat ma kellux licenza biex izomm jew igorr arma tan-nar.

PS 1122 Arthur Izzo kkonferma illi l-kwerelant, Cuschieri, kien dahhal ir-rapport lilu u lil WPC 127 u kkonferma Dok.PS

A fol.58, WPC 127 Carmen Gauci kkonfermat l-okkorrenza Dok.PS

Spettur Victor Aquilina (a fol.60) ezebixxa zewg sentenzi Dok.VA3 u Dok.VA4

A fol.79, PS 516 Alfio Borg ezebixxa hames ritratti Dok.AB1 sa Dok.AB5

Spettur Jeoffrey Azzopardi (a fol.81) ikkonferma l-identita' ta' l-imputat ghal rigward ta' sentenza Dok.VA3

L-imputat ghazel li ma jixhiedx.

Charlonne Cuschieri kkonfermat illi hija u l-kwerelant Richard Cuschieri ilhom fi proceduri ta' separazzjoni ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin. Charlonne Cuschieri kkonfermat illi Richard Cuschieri l-hin kollu jcempel lill-imputat, Sigismondo Mifsud, fuq il-*mobile* u joffendieh b'missieru li hu mejjet. Charlonne Cuschieri xhedet b'mod l-aktar vividu dwar it-tip ta' l-offizi u l-insulti illi Richard Cuschieri qal lill-imputat ftit qabel l-incident (l-ahhar paragrafu ta' fol.84). A fol.85, Charlonne Cuschieri xhedet kif, wara li gabbret lit-tifla, hija marret id-dar u li kif daret biex tasal ghad-dar taghha sabet karozza taghlaq it-triq li tefgha l-"*brights"* f'ghajnejjha. Kien il-kwerelant, Richard Cuschieri, li ghalaqha fi sqaq ftit qabel id-dar taghha fejn karozza wahda biss tista' tghaddi. A fol.86, Charlonne Cuschieri taghti rakkont esplicitu tal-kliem provokativ u ingurjus li l-kwerelant indirizza lejn l-imputat. Charlonne xhedet illi l-imputat telaq bil-mixi lejn id-dar taghha u li l-imputat nizel warajh, qabad gebla mill-hajt tas-sejjiegh u waddabielu. L-imputat, Sigismondo Mifsud, hareg mid-dar b'senter u Richard Cuschieri gibet l-attenzjoni ta' zewg Pulizija li kienu fl-inhawi. Charlonne Cuschieri xhedet illi hija qeghedet lilha nniffisha bhala tarka quddiem Richard Cuschieri waqt li Cuschieri harab jigri bil-karozza, u li l-Pulizija u l-*Watchman* bdew jikkalmaw lill-imputat. Charlonne Cuschieri xhedet illi l-imputat fl-ebda mument ma ppunta s-senter lejn xi persuna.

PS 1430 Alex Mizzi, in kontro ezami, xhed illi l-ewwel darba li huwa kien ra lill-imputat dan ma kellux senter f'idu u li l-imputat kien dahal f'daru biex igib is-senter.

A fol.92, PS 1430 Mizzi xhed illi kif Richard Cuschieri ra lill-imputat hiereg mid-dar bl-arma, dan *"Startja, irriversja u harab."* A fol.93, PS 1430 Alex Mizzi rega' kkonferma illi l-imputat il-hin kollu zamm *"L-arma zammha 'l isfel"* ippuntata lejn l-art. A fol.94, PS 1430 Alex Mizzi, **ma setghax jiftakar jekk l-imputat ppuntax l-arma lejn Richard Cuschieri.**

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, il-fatti spece kollha ta' dan il-kaz huma limitati ghal uzu b'arma tan-nar mill-imputat, Sigismondo Mifsud, biss wara li dan gie insultat ripetutament mill-kwerelant, Richard Cuschieri, bil-mejjet missieru u biss wara illi l-kwerelant sakkar lil Charlonne Cuschieri bit-tarbija bil-karozza tieghu b'mod li t-tlett persuni gew kwazi trappolati fil-karozza taghhom u biss wara illi l-kwerelant tefa' gebla mdaqqsa minn hajt tas-sejjiegh lejn l-imputat; u cioe uzu ta' arma ta' haddiehor sabiex jigu protetti Charlonne, bintha u l-imputat minn persuna (il-kwerelant) li ghandu passat ikrah ta' vjolenza domestika provat permezz ta' hames (5) kundanni mill-Qrati tal-Magistrati apparti hames (5) kundanni fejn il-kwerelant naqas li jikkonsenja t-tfal lura lil martu apparti varji kundanni ohra ta' natura kriminali. (ara fedina penali ta' Richard Cuschieri a fol.99 sa fol.103)

Illi jrid jinghad li huwa kardinali li wiehed jifhem illi din is-sitwazzjoni perikoluza nhalqet intenzjonalment mill-kwerelant meta ddecieda illi jsakkar lil martu bil-karozza tieghu. Il-Qorti qed tuza l-kelma 'intenzjonalment' b'mod l-aktar meqjus u dana il-ghaliex minkejja l-gideb sfaccat tal-kwerelant illi kienet martu illi sakkritu (u dana jsostnieh ripetutament) meta l-imputat hareg bl-arma tan-nar, Cuschieri, f'radda ta' salib, irriversja u harab minn fuq il-post **minghajr ebda movement tal-karozza ta' Charlonne Cuschieri** u ghaldaqstant il-kwerelant kien l-

aggressur f'din il-facenda u mar specifikament biex ghal darb'ohra biex jaqla' l-inkwiet.

Fl-isfond ta' dawn ic-cirkustanzi, Sigismondo Mifsud iddecieda illi jidhol fid-dar ta' missier Charlonne Cuschieri (fejn hu wkoll kien jghix) qabad is-senter ta' missierha u hareg bih. Ix-xhieda kollha f'dan il-process, inkluz dawk taz-zewg Pulizija li nsertaw kienu prezenti f'dan l-incident, xhedu illi l-imputat zamm is-senter ippuntat lejn l-art sakemm harab Richard Cuschieri minn fuq il-post fejn imbaghad, biss wara li telaq, spara tir fl-arja biex jizvoga. Illi ghalkemm fl-ewwel xhieda tieghu l-Pulizija deherlu illi, mill-boghod u minn wara xibka tal-hadid, l-imputat seta' dahhal il-ponta tal-kanna ta' l-arma tan-nar fil-karozza ta' Cuschieri, din il-Qorti rat illi din il-parti tax-xhieda tal-Pulizija ma ntqalitx b'certezza affatto u in realta ma regghetx giet asserita fl-ahhar xhieda ta' PS 1430 Alex Mizzi.

Illi ghaldaqstant l-ewwel akkuza ta' attentat ta' ferita gravi b'ebda mod ma tista' tigi sostanzjata jew akkoljata minn din il-Qorti u dana stante' illi huma mankanti r-rekwiziti ghal tali reat. Il-provi juru bic-car illi l-intenzjoni unika ta' l-imputat Mifsud kien biex ibezza lil Cuschieri minn fuq il-post u biex jipprotegi lil mara u tarbija. In fatti ebda tir ma gie sparat f'xi vicinanzi ta' Cuschieri jew tal-karozza tieghu u li l-uniku tir illi spara l-imputat **kien ferm wara li telaq Cuschieri** u l-Pulizija stess illi kienu prezenti **fehemu mil-ewwel illi dan it-tir gie sparat biex jizvoga.**

L-imputat huwa wkoll akkuzat illi ingurja, heddet jew ghamel offiza fuq PC 228 Anthony Zammit, Kuntistabbli tal-Pulizija, minhabba li kien qed jaghmel xogholu jew bi hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu, kontra l-Ligi, fl-istituzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi bir-rispett kollu, l-Qorti hi tal-fehma li lanqas din l-akkuza ma tissussisti. L-imputat kien qieghed f'sitwazzjoni ta' perikolu ghalih inniffsu u ghal membri tal-familja gdida tieghu, b'responsabbilta' ghal sigurta' tal-mara li maghha kien jghix u ta' tarbija.

Illi l-Pulizija stess xhedu fid-dettal dwar l-istat ta' agitazzjoni u l-fixla totali illi fih kien jinstab l-imputat u li ghalkemm l-imputat jammetti illi qalilhom "*Warrbuli minn nofs,"* il-Qorti ghandha dubju ragonevoli jekk intqalux il-kliem, "*Ghax nahraqkom."* Dana qieghed jinghad il-ghaliex l-istqarrija ta' l-imputat kienet wahda piena u tat rakkont ta' dak kollu li ghamel l-imputat li bl-ebda mod ma pprova jghawweg il-verita' jew jahbi eghmilu u l-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni illi ghalkemm il-Pulizija, genwinament kienu mbezzghin - ghaliex sitwazzjoni fejn persuna b'arma kkargata jkun anzjuz u mifxul b'mod palpibbli ma tistax ma tigix ikkonsidrata bhala sitwazzjoni ta' certu perikolu u l-Pulizija kienu korretti li jhossuhom mbezzghin - b'dana kollu, il-punt krucjali jibqa' li l-imputat ma ndirizza ebda theddidha fuq il-Pulizija direttament.

L-imputat, Sigismondo Mifsud, hu wkoll mixli illi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza lil Pulizija ai terminu ta' l-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liigijiet ta' Malta.

Din il-Qorti, ghal ragunijiet imsemmija diga, b'referenza ghal dak li ntqal rigward it-tieni akkuza, ma tarax illi r-rekwiziti ghal din l-akkuza huma pruvati skond il-Ligi. Ma hemmx xrara ta' prova illi l-imputat dar jew hebb ghal Pulizija jew irreziztihom b'xi mod jew b'iehor.

L-imputat huwa mixli bir-raba' akkuza ta' pussess ta' arma tan-nar u munizzjon ai termini tal-Artikolu 3(1a) tal-Kap.66 kif sosstitwit bil-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti, taghraf illi verament l-imputat, Sigismondo Mifsud, qabad l-arma ta' missier Charlonne Cuschieri, arma li ma kinitx koperta b'licenza f'ismu. Din il-Qorti, pero' tifhem illi dan sar biss b'difiza legittima ghalieh inniffsu, ghal mara illi maghha kien qed jghix u ghal tarbija, illi kollha kienu qeghdin minaccati serjament ghal darb'ohra wara li ghaddew passat ikrah ta' vjolenza domestika. In fatti, minflok tali arma, l-imputat Sigismondo Mifsud seta' qabad dak kollu li gie ghal idejh u ebda Qorti ma tista' tikkalpesta lil cittadin meta dan jagixxi f'estremita' ta' legittima difeza billi tippunieh ghaliex f'dak il-mument ta' perikolu u anzjeta' jaqbad arma licenzjata fuq haddiehor.

Altrimenti tkun il-Qorti nniffisha li tkun qed iccahhad ic-cittadin mid-dritt tieghu li jipprotegi lilu nniffsu u lil terzi.

Ghal rigward tal-hames akkuza, din il-Qorti, ghal ragunijiet fuq elenkati, hi tal-fehma li dan lanqas jissussissti stante li dak li ghamel l-imputat kien in leggittima difeza tieghu nniffsu u tal-mara li maghha jghix u ta' tarbija u minhabba l-fatt illi l-imputat ma kienx *"Qed jaghmel delitt kontra l-persuna,"* izda mill-provi jidher bic-car li kien il-kwerelant illi qed jaghmel dan.

Din il-Qorti lanqas ma tista' ssib htija fis-sitta u fis-sebgha akkuza ghaliex l-ghajjat li kien qed isir, kien qed isir fost theddidha serja fuq il-familja ta' l-imputat.

Ghal rigward tat-tmien akkuza, din il-Qorti lanqas ma tista' ssib htija fl-imputat u dana ghall-istess ragunijiet imsemmija b'referenza ghat-tieni u t-tielet akkuza u mill-provi ma jirrizultax illi l-Pulizija taw xi ordni specifika lill-imputat biex senjament jaghmel xi haga.

Ghal rigward ghad-disgha, l-ghaxar u l-hdax-il akkuza, din il-Qorti ssib illi kien il-kwerelant, Richard Cuschieri, l-persuna illi ghalih jistaw semmai japplikaw dawn l-akkuzi u mhux l-imputat.

Illi l-Qorti hija rinfaccata bit-tnax u t-tlettax-il akkuza u jrid jinghad illi in mankanza ta' sejbien ta' htija, fl-akkuzi l-ohra dedotti kontra l-imputat, din il-Qorti hija prekluza milli ssib htija.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat mhux hati ta' l-akkuza kollha dedotti kontra tieghu u l-Qorti ssib illi l-imputat, Sigismondo Mifsud, agixxa f'majiera ta' legittima difeza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------